# IR-RABA' PARTI
# QORTI TAL-KUMMERĊ

**9 ta' April, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Edwin Mirabelli *noe*

*versus*

Silvio Mifsud u Adrian Mifsud *noe*

## Ġurisdizzjoni – Eċċezzjoni *in Limine Litis* – Azzjoni *in Rem* – Korrezzjoni

*Eċċezzjonijiet preliminari li jolqtu l-ġudizzju mhux il-mertu għandhom dejjem jingħataw u jiġu ttrattati bl-ewwel lok.*

*Il-Qorti ammettiet lill-konvenuti li jagħtu eċċezzjonijiet ulterjuri għaliex sa dak il-mument ma kienet ingħatat ebda eċċezzjoni fil-mertu u lanqas ma kien beda jiġi ttrattat.*

*Il-Qorti kkonkludiet illi l-azzjoni kienet "in personam" ċjoè magħmula mhux kontra l-vapur stess iżda kontra l-proprjetarji jew l-armaturi tiegħu u li kien lok li tagħti l-korrezzjoni mitluba.*

*Ġew miċħuda żewġ eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' Ġurisdizzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi s-soċjetà *Medigrain Ltd* importat bl-imnut li ġie mgħobbi fuq il-vapur Elbstrand fil-port ta' Le Pouzin fi Franza u wasal ġo Malta fit-23 ta' Diċembru 1980 kif jirriżulta mill-polza tal-kariku (Dok. A);

U peress illi meta l-qamħ ġie skarikat fis-silo f'Malta nstab li kien hemm nuqqas ta' seba' tunnellati u tmien mija u seba' u ħamsin kilo (7.857 M.T.) kif jirriżulta mir-rapport tal-*Mediterranean Survey Bureau* li ssorveljaw l-operazzjoni (Dok. B) u min-nota tal-piżatur tad-dwana (Dok. C);

U peress illi s-soċjetà attriċi tat "*full out-turn guarantee*" lill-istess soċjetà *Medigrain* u għalhekk ħallset din is-soċjetà *Medigrain* is-somma ta' ħames mija tmienja u sebgħin lira għoxrin ċenteżmi u sitt milleżmi u għalhekk ġiet surrogata fid-drittijiet kollha ta' l-istess soċjetà *Medigrain* (Dok. D);

U peress illi l-konvenuti *nomine* huma responsabbli għan-nuqqasijiet fuq indikati l-istess attur talab li għar-raġunijiet premessi:

1. Il-konvenuti *nomine* jiġu ddikjarati responsabbli għan-nuqqasijiet fuq indikati u

2. Jiġu kkundannati minn dina l-Qorti li jħallsu l-attur *nomine* s-somma ta' Lm578.20,6 bl-interessi ta' sitta fil-mija mid-data tal-pagament in rifużjoni tal-pagament magħmul mill-attur *nomine* fiċ-ċirkostanzi u minħabba l-obbligi tiegħu hawn fuq premessi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *nomine;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* li biha

eċċipew;

1. Preliminarjament in-nullità taċ-ċitazzjoni stante illi l-attur fiċ-ċitazzjoni naqas milli jiddikjara jekk is-soċjetà attriċi hijiex jew le s-soċjetà limitata;

2. Sussidjarjament u bla preġudizzju għas-suespost illi l-konvenut mhux il-*general agent* tas-soċjetà armatriċi tal-vapur u kien biss innominat għal din il-wasla f'Malta tal-vapur u per konsegwenza l-Qrati Maltin ma għandhomx ġurisdizzjoni jieħdu konjizzjoni ta' din il-kawża abbażi ta' l-artikolu 743 (g) tal-kodiċi tal-proċedura ċivili;

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti *nomine* li biha eċċipew:

1. Illi d-domandi attriċi għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż stante illi l-azzjoni, kif intavolata mill-attur *nomine,* hija azzjoni '*in rem*' u peress illi l-vapur mhux hawn Malta u ma ġiex kolpit b'mandat ta' arrest u/jew impediment ta' partenza qabel ma saret iċ-ċitazzjoni, il-qrati Maltin ma għandhomx ġurisdizzjoni;

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Eżaminat l-atti l-oħra kollha tal-proċess u senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet tad-difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti irtiraw l-ewwel eċċezzjoni tagħhom in vista

tal-korrezzjoni li saret fl-att taċ-ċitazzjoni b'digriet li ngħata fis-seduta ta' l-20 ta' Jannar, 1984;

Dak inhar l-attur ippreżenta nota ta' osservazzjonijiet dwar il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni sollevata bit-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u l-kawża tħalliet biex il-konvenuti jippreżentaw nota risponsiva;

Illi minflok ma għamlu hekk, il-konvenuti ippreżentaw fit-2 ta' Mejju 1984, l-imsemmija nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri;

Il-kawża odjerna bdiet tiġi differita billi quddiem din il-Qorti diversament presjeduta kienet tqajmet kwistjoni identika għall-kontenut ta' dik l-eċċezzjoni ulterjuri u d-difensuri qablu li biex jiġu evitati spejjeż il-kawża odjerna tistenna d-deċiżjoni finali fil-kawża l-oħra. Id-difensuri ma tawx l-okkju ta' din il-kawża u l-kawża odjerna baqgħet tiġi differita biex tistenna l-eżitu tal-kawża l-oħra sas-seduta tal-15 ta' Marzu 1990;

Illi fis-seduta tal-15 ta' Marzu 1990, l-attur talab li fl-okkju tal-kawża jiġu nseriti l-kliem "ta' l-ammiraturi" biex b'hekk il-konvenuti jkunu indikati li ġew imħarrka "għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà S Mifsud & *Sons Ltd* aġenti ta' l-armaturi tal-vapur *Elbstrand*";

Il-konvenuti opponew għal din it-talba billi allegaw li jekk tiġi milqugħa l-persuna mħarrka tiġi mibdula;

In segwitu, l-attur ippreżenta nota ta' osservazzjonijiet u għamel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet "Wilfred Mamo *et noe vs* Silvio Mifsud *et noe*" deċiża fit-13 ta' Lulju 1990;

Il-konvenuti ssottomettew nota risponsiva u fit-30 ta' Jannar 1992 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi bl-eċċezzjonijiet tagħhom il-konvenuti qegħdin jissottomettu li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża. Il-konvenuti ressqu 'l quddiem żewġ raġunijiet, waħda fin-nota ta' eċċezzjonijiet prinċipali a folio 14 u l-oħra fin-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri a folio 28;

Illi b'din l-eċċezzjoni ulterjuri l-konvenuti qegħdin jissottomettu li l-qrati Maltin ma għandhomx ġurisdizzjoni billi l-kawża hija azzjoni "*in rem*" u l-vapur mhux hawn Malta u ma ġiex kolpit b'mandat ta' arrest u/jew impediment ta' partenza;

Illi l-attur issottometta li din hija eċċezzjoni dilatorja u l-konvenuti ippreżentawha tard wisq billi missha ngħatat fil-bidu tal-kawża skond l-artikolu 728 tal-kodiċi ta' organizzazzjoni u proċedura ċivili;

Irriżulta li ċ-ċitazzjoni ġiet innotifikata lill-konvenuti fil-15 ta' Jannar 1982 sebat ijiem wara ppreżentaw in-nota ta' l-eċċezzjonijiet prinċipali. L-ewwel appuntament tal-kawża kien fis-17 ta' Marzu 1983 kien hemm tliet differimenti li fihom ma sar xejn. Imbagħad, fis-seduta ta' l-20 ta' Jannar, l-attur talab u ottjena korrezzjoni taċ-ċitazzjoni u l-konvenuti rtiraw l-ewwel eċċezzjoni. L-attur eċċepixxa nota ta' osservazzjonijiet dwar it-tieni eċċezzjoni ċjoè dik tal-ġurisdizzjoni u l-kawża ġiet differita biex il-konvenuti jirrispondu b'nota ittra ta' osservazzjoni oħra. Minflok ma għamlu dan il-konvenuti ppreżentaw l-imsemmija

nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri fejn ġie allegat motiv ieħor ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti;

Illi ma hemm l-ebda dubji li l-eċċezzjoni simili hija waħda dilatorja u trid tingħata *in limine litis* a tenur ta' l-artikolu 728 ta' l-imsemmi kodiċi;

Il-bażi u l-iskop ta' din id-disposizzjoni hu mhux biss il-loġika ġuridika iżda wkoll li jiġi evitat ħela ta' ħin u spejjeż;

Eċċezzjonijiet preliminari li jolqtu l-ġudizzju u mhux il-mertu għandhom dejjem jingħataw u jiġu ttrattati fl-ewwel lok. Fin-nuqqas tali eċċezzjonijiet jitqiesu rrinunzjati għaliex hu kontrasens legali li jkun hemm il-possibbilità li eċċezzjonijiet simili jingħataw wara li l-kawża tiġi ttrattata fil-mertu;

Illi minn eżami l-proċess jirriżulta li għalkemm il-konvenuti taw din l-eċċezzjoni ulterjuri ċirka sena wara l-ewwel dehra però, sa dak it-tant il-konvenuti ma kinux taw ebda eċċezzjoni fuq il-mertu u wisq anqas ma laħaq beda jiġi ttrattat dak il-mertu;

Għalhekk jidher li l-eċċezzjoni ulterjuri hija ammissibbli fl-istadju li ngħatat;

Ikkunsidrat:

Illi bl-eċċezzjoni ulterjuri l-konvenuti qegħdin isostnu li din il-Qorti m'għadhiex ġurisdizzjoni għax din hija kawża *in rem* u l-vapur ma ġiex maqbud fil-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti;

Illi minn eżami taċ-ċitazzjoni ma jidhirx li meta l-attur intavola din il-kawża huwa kellu l-ħsieb li jesperixxi azzjoni *in*

*rem*, ċjoè kontra l-vapur innifsu bħala l-konvenut fil-kawża biex fuqu stess jesegwixxi s-sentenza eventwali li seta' jottjeni. Tant hu hekk li l-attur ma qabadx il-vapur fil-port ta' Malta u ma żammux milli jitlaq minn hawn kif kieku kien jagħmel kieku kellu l-ħsieb li jħarrek il-vapur innifsu bħala konvenut;

Għalhekk jidher ċar li din hi azzjoni *in personam* ċjoè magħmulha mhux kontra l-vapur stess iżda kontra l-proprjetarji jew l-armaturi tiegħu;

Illi għalhekk din l-eċċezzjoni ma hijiex fondata;

Ikkunsidrat:

Illi la l-Qorti waslet għal din il-konklużjoni huwa evidenti li *ai termini* ta' l-artikolu 175(1) Kap. 12 ikun opportun li l-korrezzjoni mitluba mill-attur tintlaqa' biex b'hekk jitneħħa kull ekwivoku dwar in-natura ta' l-azzjoni esperita;

F'dan ir-rigward din il-qorti takkondividi u tagħmel riferenza għall-motivi kontenuti fis-sentenzi ċċitati mill-attur u li ssemmew aktar qabel u li l-konvenuti bl-ebda mod ma kkontestaw l-argumentazzjoni kontenuti fihom;

Ikkunsidrat:

Illi bl-eċċezzjoni li ngħatat fil-bidu l-kawża u li tinsab a folio 14 tal-proċess, il-konvenuti qegħdin isostnu li huma mhumiex aġenti ġenerali tas-soċjetà armatriċi tal-vapur iżda kienu nnominati aġenti għal din il-wasla biss tal-vapur f'Malta u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni skond l-artikolu 743(g) (illum 742(g) ) tal-kodiċi tal-proċedura ċivili, skond din

id-disposizzjoni l-qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni fil-konfront ta' kull persuna dwar kull obbligazzjoni kontrattata favur ċittadin ta' Malta, meta esegwita f'Malta. Illi anke din l-eċċezzjoni ma hijiex fondata u dana għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr Tancred Gouder fid-29 ta' Mejju 1959 *in re* "George Parnis England *noe vs* Henry England *noe*". (Kollez. Vol. XLII-111-856) li huma applikabbli wkoll in toto għal "anki jekk il-konvenut *nomine* kien sempliċement 'konsenjatarju tal-bastiment, magħmul mill-armatur biss għal dik id-darba li l-bastiment instab f'Malta, għalkemm il-fakoltajiet ta' mandatarju okkażjonali simili u limitat għall-operazzjonijiet attinenti u konsegwenti għall-fatt tal-karikament u ta' l-iskarikament ta' dak il-bastiment determinat f'kull post singolu, anki dawk il-mandatarji okkażjonali, però għandhom ir-rappreżentanza fil-kawżi attriċi u passivi għal dawn l-operazzjonijiet speċjali. Dan hu konformi għal-liġi tagħna dwar ir-rappreżentanza, billi anki l-mandatarju b'mandat speċjali għandu r-rappreżentanza tal-mandant, tant attivament kemm passivament għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-affari li tidħol fil-mandat meta l-mandant innifsu jkun nieqes mill-gżira lil fiha l-kawża għandha ssir;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi ż-żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti dwar il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Fl-aħħarnett tilqa' t-talba ta' l-attur għall-korrezzjoni ta' l-atti kif magħmula bin-nota a folio 48 tal-proċess u tordna li ssir il-korrezzjoni mitluba.